TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 98/16-F

Alexandra Agius
Vs
Jesmond Schembri - Dryzone

Illum, 4 ta' Awissu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Mejju, 2016, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) rappreżentanti xogħol li sar mid-ditta intimata kif ukoll parti ta' xogħol li ma sarx u li ħallset għalih.

Illi wara li semà' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti u wara li innota li l-intimat ma deherx u l-anqas issotometta risposta għalkemm debitament notifikat

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ingaġġat lill-intimat sabiex jagħmillha xogħol ta' waterproofing biex ikun jista' jneħħi l-umdita u wara li għamel xi xogħol innutat li fuq it-tiketta kellha l-expiry date u ta' dan irreferietu lil min kien qed jaħdem u kellha tħallas is-somma ta' tmenin ewro (€80) biex titressaq il-unit ħalli jsir xogħol fuq il-ħajt ta' wara din u ix-xogħol ma sarx minħabba il-fatt li kien fuq bricks.

It-Tribunal jinnota li l-intimat ma attendiex għas-seduta u l-anqas ma issottometta risposta minkejja li kien notifikat pero jinnota ukoll li l-ammont li tħallas għal dak il-ħajt fejn kien hemm il-bricks u dan ma sarx allura għandha dritt tieħu rifużjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa it-talba tar-rikorrenti in parte u jordna li is-soċjeta intimata tħallasha l-ammont ta' mitejn euro (€200) bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**